# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 18/2022 BS**

**LG**

**-vs-**

**DP**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi LG illi ppremettiet:**

1. ILLI l-partijiet iżżewġu lil xulxin fil-Bażilika ta' Marija Bambina, [ix-]Xagħra, Għawdex fil-ħmistax (15) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ħmistax (2015), liema żwieġ ġie debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex bin-numru progressiv mija tnejn u erbgħin tas-sena elfejn u ħmistax (142/2015) (vide kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok A);

2. ILLI minn dan iż-żwieġ ma twieldux [sic] tfal;

3. ILLI dan iż-żwieġ tkisser irremedjabbilment snin ilu, u l-partijiet bdew jgħixu separatament minn xulxin u kienu *de facto* separati b'effett minn Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018);

4. ILLI l-partijiet kienu mbagħad effettivament isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni personali tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) magħmul fl-atti tan-Nutar Maria Pisani (vide kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok B);

5. ILLI ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti;

6. ILLI ma hemm l-ebda kwistjoni rigward manteniment bejn il-partijiet li tista' b'xi mod ixekkel lill-esponenti milli tipproċedi b'din l-istanza;

7. ILLI għaldaqstant il-partijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha stabbiliti mil-liġi biex jingħata d-divorzju;

8. ILLI l-esponenti tixtieq u trid li tottjeni l-ħall taż-żwieġ tagħha minn mal-intimat, u minn informazzjoni li għandha l-intimat ma jopponix għall-istess talba.

**Talbet lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet; u

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku relattiv bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat,

u dan taħt kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun.

**Il-Qorti;**

Rat in-nota ġuramentata tal-intimat li biha jiddikjara li mhux jopponi t-talba, b'dan illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet[1];

Rat il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet tal-25 ta' Novembru, 2020[2];

Rat id-dokumenti u l-atti kollha;

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66Ċ tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti. Infatti rriżulta li l-partijiet ilhom *de facto separate* minn xulxin sa mill-2018 u li sseparaw bonarjament b'kuntratt pubbliku fis-sena 2020. Irriżulta b'mod ċar minn mir-rikors ġuramentat tal-attriċi u anke n-nota tal-konvenut li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li jirrikonċiljaw. Infatti l-konvenut mhux qed jopponi t-talba iżda jopponi għall-ispejjeż tal-istess;

**Decide:**

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attriċi u filwaqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

---

[1] A fol 15 tal-proċess.
[2] A fol 4 tal-proċess.

Spejjeż mingħajr taxxa għandhom jitħallsu mill-attriċi.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur